ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto)    IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 38    IT-TNEJN, 8 TA' JANNAR 2018**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar it-Tnejn, 8 ta' Jannar 2018 fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Ħdax Kunsilliera)**

Jesmond Aquilina – Sindku
Bjorn Azzopardi – Viċi Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Robert Reno Cremona – Kunsillier
Renald Falzon – Kunsillier
Josef Aquilina – Kunsillier
Martina Brancaleone - Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Antoine Saliba Haig – Kunsillier
Daniel Bugeja - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kenneth Brincat – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ippresjeda il-laqgħa.

Is-Sindku beda billi qal it-talba u infurma lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.lc.gov.mt.

Fuq talba tal-**Kunsillier Jerome Caruana Cilia**, inżammet minuta silenzju bħala tifkira għat-telfa ta' Angelo Briffa, eks-Kunsillier tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi. **Is-Sindku Jesmond Aquilina** sellem l-memorja ta' Angelo Briffa li fis-sena 2012 kien ġie mogħti Ġieħ Ħal Qormi.

**38/01 QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJI**

**38/01/01** **Is-Segretarju Eżekuttiv** spjega li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**38/02 KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 37**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 37 li nżammet nhar it-Tnejn 4 ta' Diċembru 2017, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Ħdax-il** Kunsillier (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 37 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**38/03 MISTOQSIJIET LIS-SINDKU**

Ma kienx hemm mistoqsijiet lis-Sindku.

**38/04 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

**38/04/01** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden infurma lill-Kunsillier Renald Falzon sabiex jirraporta lill-Kunsill dwar l-iżviluppi tal-laqgħa li attenda għaliha hu flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv mas-Segretarju Parlamentari Dr Clifton Grima. Il-Kunsill ma jaqbilx li l-Isports and Fitness Park flimkien mal-art li hemm wara l-piċċ tal-Hockey jiġu mgħoddija lill-għaqda waħda u l-Kunsill huwa lest li jieħu l-amministrazzjoni ta' din l-art u l-Park. Is-Sindku Jesmond

Aquilina spjega li l-Kunsill ikun f'pożizzjoni aħjar li jara li tgawdi l-komunita' u l-għaqdiet lokali. Il-Kunsill approva li l-Kunsill jieħu din l-art u r-responsabbilta' tal-manutenzjoni tagħha.

**38/04/02** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** infurma f'laqgħa li l-Kunsill kellu għand Transport Malta ġie ppropost minn Transport Malta biex Triq il-Kanun (fejn il-Flamingo) tingħalaq it-triq u jsir organizazzjoni aħjar tal-parkeġġ. Il-Kunsill qabel unanimament.

**38/04/03** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** issuġġerixxa biex għal din is-sena l-Kunsill ma jorganizzax attivita' fil-Karnival kif kien jagħmel is-soltu għaliex mill-esperjenza rajna li l-attendenza kienet tkun fqira u jħoss li l-flus jistgħu jintnefqu aħjar. Fil-fatt huwa semma li peress li din is-sena Jum Ħal Qormi se jkun qed ifakkar il-275sena minn mindu ingħata d-digriet ta' Citta' l-attivitajiet li jfakkru dan l-avveniment se jkunu aktar mifruxa u għaldaqstant aktar spejjeż. Dan ifisser li l-Kunsill ikun jista' juża l-fondi li s-soltu jkunu allokati għall-Karnival. Il-Kunsill qabel unanimament.

**38/04/04** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** informa lill-Kunsill li wara li tressqet mozzjoni biex jinxtara garaxx, wara li kien qed isiru negozjati dwar garaxx li jinsab biswit il-Kunsill. Il-Kunsill bħalissa jinsab għaddej bid-diskussjonijiet mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-proċeduri tal-akkwist. Wara evalwazzjoni mill-aspett ekonomiku, il-Kunsill iddeċieda li ma jibqax jikkunsidra li jikri iżda li jixtri.

**38/04/05** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq disinn dwar parking bays ġodda fi Triq San Pawl. Il-Kunsill qabel unanimament li ma japprovax dan id-disinn u jħalli kollox kif inhu, li wara kollox hekk kien qabel ma ingħata t-tarmak. **DOK 'A1'**

**38/05** **RAPPORTI**

**38/05/01** **KUNSIDERAZZJONI TAL-ESTIMI ANNWALI 2018**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jressaq dan id-dokument għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dan l-Estimi Annwali qed jistma li jħalli Surplus ta' Eur87,675 u Net Current Assets ta' Eur 459,830. **DOK 'B'**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq mozzjoni biex l-Abbozz tal-Estimi Annwali jiġi approvat biex jitressaq fil-laqgħa annwali tal-lokalita'. Dan id-dokument għandu jerġa

jitressaq fil-laqgħa li jmiss wara xi emendi li jistgħu jirriżultaw neċessarji mill-laqgħa annwali tal-lokalita'.

**Il-Viċi-Sindku Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Ħdax-il** Kunsillier (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-mozzjoni ġiet approvata unanimament.**

**38/06 RAPPORTI KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI**

**38/06/01** **Is-Sindku Jesmond Aquilina** stieden lill-kunsilliera biex permezz ta' din il-materja, l-Kunsilliera jressqu rapporti u kummenti dwar il-ħidma tagħhom.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** semma dwar il-bżonn li jsiru it-traffic lights ta' Triq Manwel Dimech għaliex hemm periklu kbir għan-nies biex ikunu jistgħu jaqsmu.

**Il-Kunsilliera Jerome Caruana Cilia** kompla li hemm bżonn li l-Kunsill tieħu azzjoni drastika biex isir xi ħaġa. Huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill għandu jagħmel stqarrija stampa. Is-Sindku Jesmond Aquilina wieġeb li ma jaqbilx li ssir stqarrija stampa għar-raġuni li Transport Malta tat ir-raġuni għalfejn dawn il-Pelican Lights mhux jaħdmu fejn se jsiru wara li jingħata l-aħħar kisja ta' tarmak. Il-Kunsill qabel unanimament biex jekk dawn ma jkunux saru sa ħmistax il-jum ieħor, il-Kunsill għandu jitlob laqgħa urġenti lil Transport Malta.

**38/07 APPROVAZZJONI TAL-PERFORMANCE BONUS TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV U L-IMPJEGATI**

**38/07/01** Wara diskussjoni dwar il-*performance* tal-impjegati, is-Sindku Jesmond Aquilina ressaq din il-mozzjoni.

*"Billi l-kuntratt ta' l-impjegati tal-Kunsill jipprovdi li fl-aħħar tas-sena finanzjarja l-impjegati għandhom jitħallsu l-performance bonus;*

*U billi r-regolamenti finanzjarji jipprovdu wkoll li dan il-Bonus*

a. *m'għandux ikun iżjed minn 6% tar-renumerazzjoni li jkunu qed jitħallsu fil-każ ta' l-impjegati;*

*U billi s-Segretarju Eżekuttiv irrikmanda fir-rapporti mressqa tal-Performance Appraisals, li l-impjegati għandhom jingħataw il-performance bonus kif imsemmi 'l fuq;*

*Qed jiġi riżolt li l-impjegati tal-Kunsilli jitħallsu l-ammont tal-Performance Bonus skont il-persentaġġ kif jidher fir-rapport bl-appraisals ippreżentanti fuq il-mejda;*

*U billi fl-opinjoni tiegħi, s-Segretarju Eżekuttiv għandu jingħata l-massimu tal-performance bonus ta' 10% skont l-appraisal ippreżentat fuq il-mejda;*

**Il-Kunsilliera kollha preżenti** issekondaw l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ħdax (11)-il Kunsillier preżenti**. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni

**Il-Kunsill qabel unanimament li japprova din il-mozzjoni u jħallas il-performance bonus lill-impjegati. Fil-każ tas-Segretarju Eżekuttiv l-appraisal irid jintbagħat lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għall-approvazzjoni tad-Direttur.**

**38/08 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' DIĊEMBRU 2017**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Diċembru 2017, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**DOK 'C1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Diċembru 2017
**b)** *Bank Payments* Diċembru 2017
**c)** *Petty Cash* Diċembru 2017

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** issekonda.

**Ivvutaw Favur Ħdax-il** Kunsilliera (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**38/09 MOZZJONIJIET**

**38/09/01 MOZZJONI 69/2018 (VII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina** ressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Nipproponi biex il-Kunsill Lokali jorganizza attivita' socjali ta' gurnata gewwa Sqallija.*

*Nipproponi li ghal din l-attivita' ser jigi mistieden l-staff tal-Kunsill u l-Kunsilliera.*

**DOK 'D1'**

**Il-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ħdax** Kunsilliera (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 69/2018. Il-Kunsill għandu jikseb kwotazzjonijiet skont il-Linji Gwida ġodda dwar l-Akkwist.

**38/09/02 MOZZJONI 70/2018 (VII)**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina stieden lill-Viċi Sindku Bjorn Azzopardi** iressaq din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Wara li kellmuni diversi residenti dwar storbju ikkawżati minn diversi water culverts gratings; fid-dawl li diversi imsemmijin water culverts gratings jeħtieġilhom manutenzjoni, u wara spezzjoni on site minn naħa tiegħi li vverifikajt l-inkonvenjent minn dawn l-imsemmijin water culverts gratings, nipproponi li jinġiebu stimi u jitressqu quddiem il-kumitat tal-proġetti ħalli matul is-sena l-ġdida 2018 jikkunsidra li jinbidlu il water culverts gratings imsemmija hawn taħt u jsiru bħal dawk li saru fil-proġett tal-għargħar fil-wied li huma soundproof;*

*1. Triq Spiteri Fremond qabel toħroġ lejn Triq San Bartolomew (fejn Gammika Bar)*

*2. Triq Ġuże Muscat Azzopardi eżatt kif iddur minn Triq San Edwardu (fejn San Filippo Confectionery)*
*3. Triq San Edwardu eżatt kif toħroġ minn Triq Santa Katerina*
*4. Triq il-Vitorja qabel toħroġ lejn Triq San Bartolomew (quddiem il-Maypole)*
.

**DOK 'D2'**

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Ħdax** Kunsilliera (11) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-mozzjoni 70/2018.

**38/10 AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Jesmond Aquilina aġġorna il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 5 ta' Frar 2018 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-7:30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Jesmond Aquilina | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti kkonfermati llum 5 ta' Frar 2018.**